# L-Istatwi fil-Pjazza għall-Festa Tagħna

Lily Gauci

Għandna tmien statwi kbar u sbieħ fil-pjazza tagħna, li jfakkruna fi tmien nisa kbar tal-antik testment. Dawn in-nisa huma kollha xbieha sabiħa tal-Omm t'Alla li kellha titwieled matul iż-żmien. Diġa` rajna dwar il-kobor ta' Rebekka omm Eżaw; Rut, Ġuditta u Ester. Din id-darba se naraw ftit lil Racheli, Deborah, Jagħeli u Abigail.

## Racheli

Niltaqgħu ma' Racheli fil-ktieb tal-Ġenesi meta waqt li kienet tisqi l-ħarufa tagħha ltaqgħet ma' Ġakobb. Ġakobb kien mexa biċċa sewwa biex isib lil zijuh Laban. Ommu, Rebekka, kienet bagħtitu għand Laban biex tiskansah minn ħuh Eżaw. Ġakobb beda jirgħa l-merħla ta' Laban. Sakemm dam jirgħalu l-merħla, Gakobb ħa grazzja ma' Rakeli, bint Laban. Kellu jaħdem għal seba' snin biex jiżżewwiġha.



Rakeli kellha żewġt itfal minn Ġakobb, Ġużeppi u Benjamin. Ġużeppi kien mibjugħ minn ħutu u wasal sal-Eġittu. Dan sab xorti mal-Faragħuni, għax kien ifissirlu l-ħolm.

Benjamin kien it-tieni wild ta' Rakeli u twieled bi tbatija kbira, tant li sewa l-mewt ta' Rakeli. Din ndifnet minn Ġakobb barra l-belt ta' Betlehem u llum dan hu post li ħafna jżuruh b'devozzjoni kbira.

## Deborah

Deborah kienet mara kbira f'għajnejn Alla u l-bnedmin. Għexet fi żmien l-Imħallfin u kienet hi stess Imħallef għaqli ħafna. Kienet l-unika Imħallef mara li nafu biha fil-Bibbja.



Kienet mara rrispettata ħafna anke mill-ġeneral tal-armata ta' Iżrael. Ma kinetx tibża' tikxef il-qerq waqt li tfaħħar dak li hu tajjeb. Kien żmien xejn sabiħ għal Iżrael. Hi kellha l-kuraġġ li tibqa' miexja fuq il-kmandamenti t'Alla, u tgħix u tgħid is-sewwa. Bil-prinċipji sodi tagħha kienet kapaċi tirbaħ il-gwerra kontra Jabin, Re tal-Kanan kif ukoll il-kmandant kbir Sisera.

Għal għoxrin sena sħaħ damu l-Iżraelin taħt l-Assirjani, sakemm fl-aħħar il-Mulej tahom ir-rebħa skont il-profezija ta' Deborah. Sa ħafna snin wara, l-Iżraelin għexu fil-paċi.

## Jagheli

Jagheli kienet il-mara ta' Heber, li kien jagħmel it-tined. Filwaqt li kienet għaddejja ħdejn il-muntanja Tabor, fejn kienet toqgħod hi flimkien ma' Heber kien hemm il-paċi.



F'din il-gwerra, l-Iżrealin ħarġu rebbieħa. Għalhekk Sisera, il-kap kmandant tal-għedewwa ħarab bil-mixi lejn it-tinda ta' Jagheli. Jagheli ħarġet tilqgħu u daħħlitu ġewwa. Hu talabha l-ilma, iżda hi fetħet żaqq ħalib u sqietu. Wara għattietu u raqad. Imbagħad Jagheli qabdet musmar tat-tinda, qabdet il-martell u waqt li resqet lejh inkiss inkiss, sammret il-musmar ġo nagħsu sa ma nifdithulu sal-art.

Hekk dakinhar Alla ġab fix-xejn lill-għedewwa ta' Iżrael. B'hekk Jagheli flimkien ma' Deborah irnexxielhom jirbħu l-gwerra għal nieshom u Iżreal dam jgħix fil-paċi għal żmien twil.

## Abigail

Abigail insibuha fl-ewwel ktieb ta' Samwel u kienet il-mara ta' Nabal; mara mill-isbaħ u ta' intelliġenza kbira għal dak iż-żmien. Kienet kapaċi tifhem lill-bniedem. Natal, ir-raġel tagħha, għalkemm kien sinjur, kien ukoll stupidu.

David u Nabal kienu ħbieb. Meta David naqsu l-ikel, ħaseb li Nabal kien se jkun ġeneruż miegħu u bagħat lill-qaddejja għall-għajnuna. Iżda Nabal irrifjuta li jgħinu u bagħathom 'il barra b'xejn. David inkorla bis-sħiħ u ddeċieda li joqtol lil Nabal.

Abigail semgħet b'dan u ma riditx gwerra u tixrid ta' demm. Għalhekk telqet bil-moħbi ta' Nabal b'ħafna ikel għal għand David. Meta waslet, hi skużat ruħha ma' David u qaltlu biex ma

jiħux għal Nabal. David aċċetta dak kollu li offrietlu Abigail, ikkalma u reġa' lura mingħajr tixrid ta' demm, kif xtaqet Abigail.

Abigail qalet b'dak kollu li ġara lil Nabal li nħasad meta ra l-periklu li kien fih u miet. Hemm Abigail salvat lil niesha minn ħafna tixrid ta' demm.

David ħa lil Abigail b'martu. Mhux ta' b'xejn li wara sar re kbir, b'mara daqshekk għarfa warajh.

M'għandniex għalfejn ngħidu li dawn l-erba' nisa dejjem raw kif isalvaw lill-poplu Lhudi mill-qilla tal-għadu. Hekk ukoll tagħmel Marija fil-każ tagħna. Dejjem tara kif tiskansana mill-periklu u minn kull għawġ li nistgħu nkunu ninsabu fih.





# Sib

Sib ħabib li
jisma' b'attenzjoni,
speċjalment fi żmien ta'
tensjoni.
Ikellmek b'ċerta ħlewwa,
u jgħidlek kliem is-sewwa.
jaċċetta opinjoni,
u jisma' kull verżjoni.

Dejjem onest miegħek,
jurik l-iżbalji tiegħek.
jaf iżomm is-skiet,
meta tgħidlu xi sigriet.
Jimxi dejjem miegħek,
iżda jtik l-ispazju tiegħek.

Jixtieq jarak kuntent,
f'kull żmien u f'kull mument.
Dejjem hemm għalik,
u jaħseb ħafna fik.
Isiblek is-sabiħ,
iżda hu ma jgħirx għalik.

Jibża' li jitilfek,
għalhekk int għamel ħiltek.
Biex...
tkun ħabib li;
taċċetta kull difett,
għax m'hawnx ħabib perfett.

Diane Cutajar
*11/10/2013*